

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.7080 – Dimension Data/NextiraOne Assets)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 355/09)

1. Fit-28 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Dimension Data Holdings Nederland BV ("Dimension Data", il-Pajjiżi l-Baxxi) ikkontrollata minn Nippon Telegraph and Telephone Group ("NTT", il-Ġappun) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll tal-entitajiet ġuridiċi ta' NextiraOne Group fl-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit ("NextiraOne Assets"), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal NTT: servizzi tal-IT u tat-telekomunikazzjoni globali għal konsumaturi lil hinn mill-Ġappun, u servizzi reġionali tat-telekomunikazzjonijiet fil-Ġappun,
- għal Dimension Data: servizzi tal-IT,
- għal NextiraOne Assets: servizzi tal-IT.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7080 – Dimension Data/NextiraOne Assets, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").